# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 14**

**Rikors numru 478/16/1 LSO**

**Richard Dimech**

**v.**

**Alessio Zammit u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2016 ġiet kjamata fil-kawża Rita Catania**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Richard Dimech, datat 16 ta' Ġunju 2016, li permezz tiegħu ngħad is-segwenti:

> "1. Illi r-rikorrenti zzewweg lil Rita Dimech fis-7 ta' Awwissu tas-sena 1992.
>
> 2. Illi matul iz-zwieg taghhom twieldu tlett (3) itfal, tifla bl-isem ta' Christabelle li llum ghandha 14 -il sena, tifel bl-isem ta' Alessandro li twieled fis-27 ta' Dicembru tas-sena 2007 u li llum

ghandu 8 snin u tifla ohra bl-isem ta' Kimberly li llum ghandha 4 snin. Kopja tac-certifikati tat-twelid ta' Christabelle u Kimberly qeghdin jigu annessi u mmarkati Dok A u Dok B rispettivament.

3. Wara xi zmien mit-twelid tal-minuri Alessandro, ir-rikorrenti sar jaf minghand qassis, certu Father Saviour Magro, illi l-minuri Alessandro ma kienx l-iben naturali tieghu.

4. Illi minkejja dan, ir-rikorrenti xorta wahda baqa' jikkunsidra lill-istess Alessandro bhala ibnu u baqa' jmantnih u jipprovdi ghall-ispejjez kollha tieghu. Tant hu hekk illi sabiex izomm il-familja maghquda, ir-rikorrenti qatt ma inizja proceduri gudizzjarji sabiex jirrikonoxxi lil ibnu, iktar u iktar meta minkejja din il-burraxka hu u martu kellhom tifla ohra, bi-isem ta' Kimberly.

5. Illi l-pozizzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-familja tieghu baqghet l-istess u dan sa ma martu, minghajr pre-avviz, habta u sabta abbandunat id-dar matrimonjali u qabdet lill-minuri Alessandro u haditu maghha f'fond iehor.

6. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) per Onor. Imhallef Robert G. Mangion, (rikors guramentat numru 273/2014), tal-21 ta' Ottubru tas-sena 2015, fl-ismijiet Alessio Zammit vs Richard Dimech et., annessa u mmarkata Dok C, gie ddikjarat illi l-minuri Alessandro Dimech ma huwiex il-wild naturali tar-rikorrenti u konsegwentement ordnat ukoll il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tai-minuri, numru 71/2008 u dan fis-sens illi minflok isem Richard Dimech jitnizzel Alessio Zammit bhala missier il-minuri. Minn din is-sentenza ma sarx appell. Qieghed jigi esebit ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Alessandro, anness u mmarkat Dok D.

7. Illi sat-18 ta' Novembru tas-sena 2013 il-minuri Alessandro baqa' jghix mar-rikorrenti u ma' Rita Dimech, ex mart ir-rikorrenti u omm Alessandro, u ma' hutu Christabelle u Kimberly fid-dar matrimonjali taghhom. Illi sa mit-twelid tieghu, ir-rikorrenti dejjem ha hsieb ghall-bzonnijiet kollha ta' Alessandro daqs li kieku kien ibnu.

8. Illi mit-twelid tal-minuri sa ma nghatat is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, l-esponenti kellu l-*patria potesta* fuq l-imsemmi minuri.

9. Illi r-rikorrenti kien jipprovdi u jhallas ghal bzonnijiet kollha tal-minuri Alessandro minkejja illi kien jaf li dan ma kienx il-wild naturali tieghu.

10. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens taz-zmien kollu illi huwa kellu l-*patria potesta* fuq Alessandro illum Zammit Catania, stante illi

huwa ma kienx hekk tenut ihallas, huwa baqa' inadempjenti. Kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 855/2016 qieghda tigi annessa u mmarkata Dok E, liema ittra minkejja li l-intimat gie notifikat biha, baqghet ma gietx imwiegba.

11. Illi minn dak kollu l-konvenut arrekkixxa ruhu ghad-dannu tar-rikorrenti u dan stante illi huwa kien ben konsapevoli minn ferm qabel ma inghatat is-sentenza, illi l-minuri Alessandro kien il-wild naturali tieghu u mhux tar-rikorrenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur qatt ma kien tenut imantni u jhallas ghall-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri Alessandro Zammit Catania, peress illi dan ma huwiex il-wild naturali tieghu;

2. Tikkundanna kull ammont imhallas mir-rikorrenti ghall-bzonnijiet ta' bin l-intimat mit-twelid tieghu sal-21 ta' Ottubru 2015 u cioe' l-jum fejn il-patria potesta fuq il-minuri giet fi tmiemha;

3. Tillikwida d-danni li r-rikorrenti sofra u ghadu jsofri minhabba dan l-agir tal-intimat;

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali 855/2016.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Alessio Zammit, datata 7 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

"1) Illi preliminarjament l-attur ghandu qabel xejn jiddikjara fuq liema dispost tal-ligi huwa qed jibbaza l-azzjoni minnhu interposta;

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari illi l-gudizzju ma huwiex integru stante illi l-kawza odjerna kellha tigi ntavolata ukoll fil-konfront ta' Rita Dimech, omm il-minuri Alessandro;

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel (1) talba attrici hija legalment improponibbli u dan stante illi galadarba l-attur qatt

ma ha l-passi legali necessarji sabiex jiddikjara illi l-minuri Alessandro ma kienx il-wild naturali tieghu allura din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddikjara illi l-attur "...qatt..." ma kien tenut imantni l-minuri u dan meta l-Ligi tghid mod iehor;

5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-attur kien minnu ammess fir-rikors promutur kien jaf illi l-minuri Alessandro ma kienx ibnu u ghalhekk kwalsiasi manteniment talvola moghti mill-attur ghandu jitqies bhala donazzjoni gratuwita li ma taghtix lok ghal azzjoni bbazata fuq arrekkiment ingust;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi l-konvenut ma ghamel l-ebda arrekiment ingust a skapitu tal-attur izda l-konvenut kien huwa stess vittma tas-sitwazzjoni fejn tilef snin importantissimi mill-hajja t'ibnu fejn huwa ma kienx rikonoxxut bhala l-missier tal-minuri u ghalhekk ma kellu l-ebda drittijiet fuq l-istess minuri filwaqt li kien l-attur innifsu li gawda lill-minuri Alessandro f'dan iz-zmien ad eskluzjoni tal-konvenut. Illi ghalhekk isegwi illi galadarba l-attur zamm lill-minuri Alessandro bil-buona volonta' tieghu, tant illi kkunsidrah bhala ibnu minkejja li kien jaf ben tajjeb illi Alessandro ma kienx il-wild naturali tal-attur, allura isegwi illi l-manteniment li hallas ma jistax jitqies bhala arrekiment ingust;

7) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta l-konvenut gie a konoxenza illi huwa kien il-missier naturali ta' Alessandro huwa beda jhallas manteniment lil Rita Dimech ghal bzonnijiet tal-minuri u dan mill-ftit paga li huwa kellu, tant illi l-esponenti jghix mir-relief li huwa jippercepixxi mill-Gvern. Illi fil-fatt, wara ftit zmien l-attur u Rita Dimech cahdu lill-esponenti minn ibnu u kien hemm illi l-esponenti ntavola l-proceduri sabiex jigi dikjarat illi l-minuri Alessandro kien il-wild naturali tieghu u mhux tal-attur. Ghalhekk, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, minn kwalunkwe ammont li jista' jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti skont it-tieni talba attrici, ghandhom jitnaqsu l-pagamenti li l-esponenti hallas lil Rita Dimech;

8) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, kwalunkwe ammont li jista' jigi likwidat favur l-attur ghandu jigi dimezzat u dan stante illi kwalunkwe pagamenti mill-attur ghal bzonnijiet tal-minuri saru waqt li l-attur kien mizzewweg lil Rita Dimech, omm il-minuri Alessandro. Ghalhekk isegwi illi l-istess pagament thallas mill-kommunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Dimech b'hekk nofs l-ispejjez ghal manteniment tal-minuri thallsu wkoll minn ommu li hija legalment obbligata li tmantni lill-minuri Alessandro wkoll;

9) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda danni li l-attur sofra minhabba l-agir tal-konvenut u dan kif ser jirrizulta

waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fil-fatt huwa l-esponenti li sofra danni u dan peress li gie mcahhad minn ibnu mill-attur u minn Rita Dimech, liema zmien intilef u ma jistax jigi lura';

10) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-imsejħa fil-kawża Rita Catania, datata l-1 ta' Marzu 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi primarjament l-esponenti tirrileva li hija mhux Rita Dimech pero' Rita Catania mhux kif gie erronjament indikat fid-digriet tal-kjamant fil-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess anke l-indirizz tal-affissjoni ma kienx l-ahhar indirizz tal-esponenti stante li ilha diversi snin tghix fl-indirizz prezenti taghha u dana huwa ben risaput mill-kontendenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-attur kien ben konsapovoli li l-minuri ma kienx tieghu hekk kif jidher mir-rikors promutur u kienet ghazla tieghu li ma jghid lil hadd anke lil familjari tieghu stante li dak iz-zmien kien konvenjenti ghalih;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-attur u l-kjamata fil-kawza isseparaw hafna qabel it-twelid tal-minuri Alessandro tant li huma kellhom tifla ohra li twieldet fl-elfejn u hdax (2011);

5. Illi in vista tal-premess jidher car li l-kontendenti t-tnejn li huma kienu ben konsapevoli tas-sitwazzjoni u kienet konvenjenti ghalihom it-tnejn dak iz-zmien u ghaldaqstant l-esponenti titlob li in vista ta' dan hija ma tbatix spejjez lanqas ta' dina l-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha, laqgħet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tal-attur billi qalet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent ma kienx tenut imantni u jhallas ghall-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri Alessandro Zammit Catania, stante li dan ma kienx il-wild naturali tieghu;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont imhallas mir-rikorrent ghall-bzonnijiet tal-minuri mit-twelid tieghu sa meta l-*patria potesta* giet fi tmiemha, u cioe` fid-29 ta' Ottubru 2015, fl-ammont ta' erbatax-il elf, tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€14,875);

3. Tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati f'din is-sentenza;

4. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hawn fuq likwidat flimkien mal-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-ittra ufficjali 855/2016.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat u mill-kjamata in kawza bin-nofs bejniethom."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob il-likwidazzjoni u rimbors mill-missier naturali tal-ammont li huwa nefaq ghall-manteniment tal-minuri Alessandro Zammit Catania peress li dan ma kienx il-wild naturali tieghu. L-intimat laqa' billi eccepixxa li t-talba hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Fil-mertu gie sostnut li l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent kien jaf li l-minuri ma kienx ibnu. Gie eccepit ukoll li ma sar l-ebda arrikiment indebitu fil-konfront tieghu, anzi kien vittma tas-sitwazzjoni billi ma setax igawdi lill-minuri ibnu. Inoltre`, meta kien a konoxxenza tal-fatt li Alessandro kien il-wild naturali tieghu hu beda jhallas il-manteniment mill-ftit paga li kellu tant li hu ighix bir-relief. Gie sostnut li nofs il-manteniment tal-minuri Alessandro inhareg mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn ir-rikorrent u l-kjamata fil-kawza Rita Catania peress li fiz-zmien li r-rikorrent mantna lill-minuri kien ghadu mizzewweg lil Rita Dimech illum Catania.

Il-kjamata in kawza Rita Catania rribattiet billi sostniet li r-rikorrent kien ben konsapevoli li l-minuri ma kienx ibnu u li m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Fatti:

Jirrizulta li r-rikorrent kien mizzewweg lill-kjamata in kawza, u matul iz-zwieg taghhom twieldu tlett itfal, Christabel, Alessandro li twieled fis-27 ta' Dicembru 2007 u Kimberly. Jirrizulta mhux ikkontestat mill-atti

tal-kaz li sussegwentement ghat-twelid tal-minuri Alessandro, ir-rikorrent kien sar jaf li l-minuri ma kienx il-wild naturali tieghu, izda kien il-wild tal-intimat minn relazzjoni extra konjugali. Illi mit-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza li rrikonoxxiet lill-intimat Alessio Zammit bhala l-missier il-minuri, kien ir-rikorrent li pprovda ghall-manteniment finanzjarju ta' Alessandro. Ghalhekk, qed jipprocedi b'dan il-kaz biex l-intimat jirrifondi nofs l-ammont li ntefaq ghall-manteniment tal-minuri.

Illi l-paternita` tal-intimat giet rikonoxxuta b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija fit-29 ta' Ottubru 2015 li ghaddiet in gudikat. Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tat-tifel esebit bhala Dok D mar-rikors promotur, saret id-debita annotazzjoni giet imwettqa.

Jirrizulta ukoll li l-konjugi Dimech isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana tal-21 ta' Jannar 2015 (Dok SEP a fol 29-34.) Fit-termini tal-kuntratt Alessandro gie fdat fil-kura u fil-kustodja tal-omm li assumiet hi l-obbligazzjoni tal-manteniment tieghu.

Provi:

Richard Dimech xehed permezz ta' affidavit (fol 48-52) u qal li l-ex mara tieghu kellha relazzjoni mal-intimat, u telqet mid-dar bit-tifla Christabel. Regghet lura d-dar ghal xi affarijiet u sussegwentement iddecidiet u accertatu li mhux ser terga' tmur mal-intimat. Semma li fl-2007 qaltlu li kienet tqila u welldet tifel fis-27 ta' Dicembru 2007, sakemm fi Frar tal-2008, Rita rceviet ittra bl-avukat tal-intimat fejn giet mitluba taghmel id-DNA, liema test sar minn wara dahru fit- 30 ta' April 2008. Qal li sussegwentement, kien gie certu qassis Saviour Magro jkellmu li nfurmah li t-tifel Alessandro ma kienx tieghu, u wara li tkellem mal-qassis iddecieda li jsalva l-familja tieghu u jkompli jghix id-dar mal-familja tieghu kif kien ghamel sa dakinhar. Qal ukoll li in segwitu, minkejja dak li kien gara, hu u Rita kellhom wild iehor bl-isem Kimberly. Spjega li f'Gunju 2010, l-intimat ried li jkollu access ghal Alessandro, u martu kienet ftehmet li Alessio jara lil ibnu darba fil-gimgha. Qal li ghaddew ftit tas-snin u Rita regghet telqet mid-dar fit-18 ta' Novembru 2014, u hadet maghha lil Alessandro sa ma fil-21 ta' Jannar 2015 hu u Rita kienu ufficjalment separati fejn hu ha l-kura u l-kustodja tat-tfal bniet u hi hadet il-kura u l-kustodja ta' Alessandro. Qal li fil-15 ta' Marzu 2015, l-intimat ipprezenta kaz sabiex jigi rikonoxxut bhala missier Alessandro liema kaz gie deciz fid-29 ta' Ottubru 2015. Ghalhekk, qal, li hu qed jipprezenta dan il-kaz sabiex jitlob lura nofs is-somma li hu kien nefaq ghal Alessandro matul it-tmien snin li dam johrog hu l-ispejjez finanzjarji kollha ghalih, u cioe` nofs is-somma li tidher indikata fid-dokument a fol 53.

F'affidavit ulterjuri (fol 108) kkorega ruhu fis-sens li martu telqet mid-dar fis-16 ta' Novembru 2013, liema data tirrizulta wkoll mill-klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

In kontro-ezami qal, (fol 120-124)[1] li meta gie jkellmu l-qassis biex ighidlu li Alessandro ma kienx tieghu, it-tifel kellu bejn sitt xhur jew tmien xhur. Ikkonferma wkoll li fil-kuntratt ta' separazzjoni hu rriserva d-dritt ta' access ghal Alessandro. Rigward il-kalkoli li ghamel ghall-infieq ta' Alessandro, qal li hu ghandu tifla ta' sitt snin u jaf ezatt kemm jonfoq ghaliha u mexxa l-kalkoli tieghu fuq hekk. Qal li hu m'ghandux ricevuti izda ghamel biss il-kalkoli u ma esagerax fil-kalkoli tieghu. Qal li jaf li kien sar ftehim bl-avukat biex Alessio jhallas il-manteniment ghat-tifel, izda la jaf l-ammont li kien ihallas u lanqas qatt taghtu xejn minn dan l-ammont, u Rita kienet qaltlu li l-manteniment dam jaghtih ghal ftit xhur. Hu kkonferma li ghalkemm kien jaf li Alessando mhuwiex ibnu izda iben Alessio, hu ma kien qal lil hadd dwar dan izda Rita kienet qalet lil xi nies. Qal ukoll li hu kien dispost ihalli kollox kif inhu kieku Alessio ma pprezentax il-kaz biex jigi rikonoxxut hu bhala missier Alessandro. Qal li meta mar maghha ghand l-avukat dwar il-kwistjoni tal-manteniment it-tifel diga kellu tlieta jew erba' snin. Mistoqsi jekk il-flus ghall-purtieri u l-ghamara tal-kamra tat-tifel kinitx ghenet fihom Rita bil-flus tal-manteniment qal li kollox kien hareg hu mill-komunjoni tal-akkwisti taghhom, u sostna li hu harighom il-flus u ma jafx x'kien jigri mill-flus li hi kienet tircievi ghall-manteniment.

Rita Catania xehdet permezz ta' affidavit (fol 111-113) u qalet li hi u r-rikorrent izzewgu fis-7 ta' Awwissu 1992, izda hadu s-separazzjoni fil-21 ta' Jannar 2015. Semmiet li matul iz-zwieg hi welldet tlett itfal. Meta twieled Alessandro qalet li hi kellha dubju min kien il-missier peress li kellha relazzjoni extra matrimonjali ma' Alessio Zammit, l-intimat, u meta ssusegwentement ghat-twelid tieghu, rceviet ittra mill-avukat ta' Zammit sabiex taghmel id-DNA test hija ma kellhiex triq ohra hlief li taghmel dan it-test, fejn irrizulta li l-missier kien Alessio Zammit. Qalet li meta qalet lir-ragel taghha b'din l-ahbar hi bezghet u kienet fittxet l-ghajnuna ta' qassis, u sussegwentement zewgha qatt ma qalilha li ried inehhi ismu minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' Alessandro. Spjegat li Alessio Zammit kien anke ikkontribwixxa ghall-manteniment mill-2008 sal-2011 fejn kien ivversa €200 fix-xahar, izda mbaghad ma baqax ihallas dan il-manteniment. Qalet li meta telqet mid-dar fl-2013, Richard Dimech ma baqax itiha flus ghall-manteniment tat-tifel, u kienet fittxet lil Alessio li kien ta l-manteniment u kien proprju ghalhekk li kien ipprezenta l-kaz biex ismu jitnizzel fuq l-att tat-twelid ta' Alessandro.

Rita Catania xehdet (fol 99-104)[2] u kkonfermat li Alessandro twieled fis-27 ta' Dicembru 2007, u telqet flimkien ma' binha mid-dar fejn kienet tirrisjedi mar-rikorrent f'Novembru 2013. Qalet li meta saret taf li Alessandro ma kienx ta' zewgha Richard, kienet kellmet lill-qassis u l-qassis gie jkellem lil zewgha. Qalet li Alessandro kien imur l-iskola tal-Gvern ta' Pembroke.

---

[1] Seduta tal-14 ta' Novembru 2017.
[2] Seduta tas-27 ta' April 2017.

In kontro-ezami qalet, li meta qalet lill-ex zewgha li l-minuri Alessandro ma kienx tieghu, t-tarbija kellu biss ftit xhur, xi xahrejn. Qalet li Alessio Zammit gieli ghaddielha xi manteniment ghat-tifel ukoll. Qablet ukoll li fis-sitt snin li t-tifel dam ighix maghhom kien Richard Dimech qatt ma ghamel xejn biex Alessandro ma jibqax imnizzel bhala ibnu.

F'kontro-ezami ulterjuri (fol 126c-126f) qalet li meta ghamlet it-test tad-DNA hi hassitha mhedda minn Alessio. Dwar il-manteniment ma kienx sar ftehim bil-kitba kienu ltaqghu mal-avukati taghhom, u ftehmu dwar manteniment ta' mitejn ewro fix-xahar. Hi pprecizat li Alessio hallas il-manteniment mill-2008 sa Lulju 2011, izda imbaghad ma kienx kompla jhallas. Hi kkonfermat li telqet mid-dar fis-16 ta' Novembru 2013 b'Alessio maghha u minn dakinhar ipprovdiet ghalih hi.

Alessio Zammit xehed permezz ta' affidavit (fol 117-118) u qal li hu kellu relazzjoni ma' Rita Catania meta hi kienet mizzewga ma' Richard Dimech. Qal li meta twieled Alessandro kemm hu u kemm Rita xtaqu jkunu jafu min kien il-missier ghalhekk, kienu marru fi klinika r-Rabat u rrizulta li hu kien missier it-tarbija. Nonostante dan qal, li Richard Dimech xorta ried li jibqa' indikat bhala missier it-tarbija fl-att tat-twelid tieghu, ghalkemm kien sar jaf ftit xhur biss wara t-twelid tat-tarbija. Qal li hu kien anke jaghti l-manteniment ghal ibnu Alessandro, imbaghad sussegwentement hu nghata l-parir legali li jipprezenta kaz sabiex jigi dikjarat bhala l-missier ta' Alessandro, fejn gie dikjarat dan mid-29 ta' Ottubru 2015.

In kontro-ezami qal (fol 126 a-b)[3] li m'ghamilx il-kaz qabel sabiex jigi hu rikonoxxut bhala missier il-minuri Alessandro peress li kienu qalulu li l-genituri ta' Richard Dimech ma kinux jafu b'dan biex ma jinqalax inkwiet.

<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimat</u>:

Referibbilment ghat-tielet eccezzjoni, dwar l-integrita' tal-gudizzju, Rita Catania, omm il-minuri Alessandro giet kjamata in kawza permezz ta' digriet datat 13 ta' Ottubru 2016, b'hekk din l-eccezzjoni tinsab sorvolata, u din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

<u>L-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza</u>

L-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza, b'referenza ghall-korrezzjoni fil-kunjom, giet sanata permezz ta' digriet datat 9 ta' Marzu 2017, b'hekk din l-eccezzjoni hija sorvolata, u din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

<u>Eccezzjoni preliminari tal-intimat Alessio Zammit dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f)</u>

[3] Seduta tas-27 ta' Frar 2018.

Illi gie eccepit fl-ewwel lok, li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Ghall-azzjoni *de in rem verso* m'hemmx provvediment ad hoc li jistabbilixxi terminu preskrittiv. Il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin kontemplata fl-imsemmi dispozizzjoni tal-ligi. (Ara Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi, P.A. - 17 ta' April 2012). Minbarra dan, ladarba ż-żmien huwa wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, jista' jitwaqqaf b'xi wieħed mill-modi maħsuba fil-liġi.[4]

L-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "*L-azzjonijiet ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin."*

Fil-kaz Raphael Micallef vs Anthony Agius, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000, titratta l-kwistjoni minn meta jibda jiddekorri it-terminu tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> "*Bla hsara tad-disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li dik l-azzjoni tigi ezercitata*[5] *minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat u tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. It-test li trid il-ligi allura hu dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur, u cioe` jekk din kinitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni. Il-ligi riedet li dan ikun il-principju li jirregola l-materja, u li dan kellu japplika f'kull kaz sakemm xi dispozizzjoni partikolari tal-ligi ma kinitx tiddisponi mod iehor fir-rigward ta' certi cirkostanzi li fihom tistabilixxi li z-zmien ghad-dekors tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni kellu jibda minn xi mument iehor u mhux minn dakinhar li dik l-azzjoni setghet potenzjalment giet ezercitata*."

F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll il-kaz Camilleri vs Cremona nomine deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Settembru 1990, "*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjonijiet personali tiddekorri mill-mument li fih jitwieldu l-azzjonijiet u ghalhekk minn mindu hemm id-dritt ta' l-azzjoni tiddekorri wkoll il-preskrizzjoni*." (Ara wkoll Emanuel Saliba vs Geswalda Saliba, Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Generali) – deciza fl-10 ta' Ottubru 2014.

Illi fil-kaz in ezami, minn eta` tenera tal-minuri, r-rikorrent kien jaf li mhuwiex il-missier naturali tal-minuri, izda Alessio Zammit, l-intimat, li

[4] Art. 2127, 2128, 2131 u 2133 tal-Kap 16

[5] Art 2137 tal-Kap 16.

kien ukoll a konoxxenza tal-fatt li l-minuri Alessandro kien il-wild naturali tieghu, tant li kien hu li baghat ittra bl-avukat lil Rita Dimech sabiex taghmel it-test tad-DNA. Izda, l-intimat ipproceda bil-kaz sabiex jigi dikjarat li hu missier il-minuri Alessandro snin wara, ghalkemm kien diga jaf mit-test tad-DNA li hareg precedentement li huwa l-missier naturali. Fil-fatt, il-kaz minnu pprezentat gie deciz fil-29 ta' Ottubru 2015, kwindi r-rikorrent kellu hames snin minn dik id-data ta' din id-decizjoni sabiex jiftah il-kaz, kif sewwa ssottometta l-avukat difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni. Jirrizulta li l-kaz in ezami gie istitwit fis-16 ta' Gunju 2016 entro t-terminu preskrittiv.

*In vista* ta' dak premess, it-talba ghar-rifuzjoni ta' manteniment li thallas ghall-beneficcju tal-minuri tkopri l-perjodu mit-twelid tat-tarbija fis-27 ta' Dicembru 2007, sad-data tas-sentenza ta' tfittxija ta' paternita' moghtija fid-29 ta' Ottubru 2015.

Ghalhekk, kien mid-data tas-sentenza, u cioe` fid-29 ta' Ottubru 2015, li din l-azzjoni setghet tigi potenzjalment ezercitata. Ghaldaqstant, il-hames snin ghadhom ma ddekorrewx.

Ghal dawn il-motivi ser tichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:

Illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hija l-azzjoni *de in rem verso*.

Din l-azzjoni, kif kwalifikata fid-duttrina u fil-gurisprudenza "*hija rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor, u ssib il-fondament taghha fil-principju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem*" (L. 206 fr. de regulis juris)" ("Giuseppe Calleja –vs- Walter Zammit Tabona", Appell Kummercjali, 5 ta' April 1957).

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi rifuz l-infieq tieghu ghall-manteniment tal-minuri Allessandro Zammit Catania sa mid-data tat-twelid tieghu sad-29 ta' Ottubru 2015 meta l-patria potesta fuq il-minuri giet fi tmiemha. Ir-rikorrent qed isostni l-arrikiment indebitu tal-missier naturali, kwindi l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-azzjoni *de in rem verso*. Din l-azzjoni, llum hija staturjament stabbilita fl-artikolu 1028A u 1028B tal-Kodici Civili. Izda, l-insenjament u l-principji li jsejsu din l-azzjoni kienu ilhom stabbilti fil-gurisprudenza nostrana.

Illi ingħad ukoll[6] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma:

[6] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9a Edit., 1975) § 387, paġ. 634

1. Il-vantagg jew utilita`[7] minhabba xi gid ta' haddiehor li ghadda ghandha bla ma sar il-hlas ghalih, ossija l-arrikiment ingustifikat. (*'l arrichimento'*);

2. it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv;

3. In-ness ta' kawzalita` bejn il-hidma ta' parti u l-vantagg/jew arrekkiment tal-parti l-ohra jircievi l-haga;

4. in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra. Min ikun ircieva l-hidma tal-atturi, ikun irrikixxa ruhu b'dak li ghadda ghandu u fil-patrimonju tieghu, u dan minghajr ebda titolu. Dan huwa element li l-gurista Baudry Lacantinerie "Delle Obligazioni", Vol. IV pag.550, jiddiskrivi bhala "*il carattere ingiusto dell'arricchimento*". (Ara Said vs Testaferrata Bonnici P.A. – 16 ta' Gunju 1936, George Sladden vs Albert Mais et, P.A. (TM) – 27 ta' Jannar 2005), Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et (App. Inf. (PS) – 23 ta' Gunju 2004).

Gie insenjat ukoll, li din l-azzjoni hija wahda ekwitattiva. Difatti, l-principju li huwa l-pern ta' din l-azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistaghna a dannu ta' haddiehor (nemo licet locupletari cum aliena iactura) (Ara Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi et, P.A. (JRM) - 17 ta' April 2012. Ghaldaqstant, l-ghan ta' din l-azzjoni hi li trodd lura l-bilanc bejn dak li ghamel spejjez u l-parti l-ohra li tkun arrikkiet ruhha u gawdiet b'konsegwenza ta' dan.

Din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiza ghal meta jsir l-arrikiment indebitu isir a dannu ta' haddiehor, in forza tal-principju *jure naturae aequum est neminem cum alterius detriment et injuria fieri locupletiorum.* (Ara Vincent Parnis vs Av. Dr. Giuseppe Vella (1955) Vol. XXXIX.II.764; Josephine Gusman vs Anthony Agius et P.A. (NC) – 21 ta' Jannar 2004).

Jinghad ukoll li l-azzjoni ghandha l-qofol taghha wkoll, flistitut tal-kwazi-kuntratt. Fil-fatt, din l-azzjoni hija koncessa meta mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu. (Ara Grima vs Fava et P.A. – 14 ta' Dicembru 1966 (Kollez.Vol. L.ii.487); Louis Vella vs Alfred Borg et P.A. (G.V. – 16 ta' April 2004). Ghalhekk, din l-azzjoni hija msejha sussidjarja ghaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex ghalxejn mod iehor lil min arrikixxa ruhu bi hsara tieghu, jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm ebda azzjoni li setghet issir. (Ara Zammit vs Farrugia et P.A. – 10 ta' Dicembru 1955 (Kollez.Vol. XXXIX.ii.787); Harry Saliba vs Denise Caruana P.A. (JRM) – 6 ta' April 2006.

[7] App. Kumm. 5.4.1957 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Żammit Tabona (Kollez. Vol: XLI.i.631)

Dawn il-principji gew enuncjati wkoll fil-kaz Rocco Bugeja vs George Micallef P.A. (Imh. W. Harding) (Vol. XXXIV.i.784), fejn saret referenza ghal insenjament tal-guristi Aubry u Rau u ntqal:

> *"l actio de in rem verso e` un mezzo speciale, particolare, sussidiario, che si accorda in mancanza di altra tutela, quando al danneggiato non compete altro rimedio dipendente dal contratto o quasi contratto*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, li jrid jigi indagat jekk jezistux l-elementi mehtiega ghal din l-azzjoni, wara ezami tar-rizultanzi tal-fatti ta' dan il-kaz.

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghar-rifuzjoni ta' manteniment li thallas ghall-beneficcju tal-minuri Alessandro mit-twelid tat-tarbija fis-27 ta' Dicembru 2007, sad-data tas-sentenza fejn l-intimat gie rikonoxxut bhala missier il-minuri, fid-29 ta' Ottubru 2015. Illi r-rikorrent qed jitlob ukoll li jigu likwidati d-danni li sofra minhabba l-agir tal-intimat matul il-medda tas-snin, mit-twelid tal-minuri Alessandro sad-data tas-sentenza fid-29 ta' Ottubru 2015, meta l-patria potesta tal-minuri giet fi tmiemha.

Rita Catania, mart ir-rikorrent minnu legalment separata, kienet interpellat lill-intimat b'mod formali tramite, l-avukati difensuri tal-partijiet, sabiex jibda jhallas il-manteniment ghal ibnu. Difatti, mill-assjem tal-provi, jirrizulta li dan ma sarx immedjatament wara t-test u r-rizultat tad-DNA, izda sar sussegwentement. Ikkonsidrat li hu pacifiku li r-rikorrent hareg il-flejjes sabiex jitrabba t-tifel sa minn meta twieled, peress li gie kkonfermat anke minn Rita Catania li l-wild Alessandro baqa' jitrabba fl-istess familja fiz-zwieg taghha ma' Alessandro, kif ukoll ikkonfermat li Richard Dimech kien jahdem u jipprovdi ghall-bzonnijiet ta' wliedu li kienu qed jitrabbew mieghu, sad-data tas-separazzjoni taghhom. Illi in segwitu jirrizulta, li Alessio Zammit kif ikkonfermat minn Rita Catania stess hallas il-manteniment ghal ibnu Alessanro matul dan il-perjodu taz-zwieg sakemm hi kienet ghadha d-dar qabel ma sseparaw. Madankollu, jirrizulta wkoll, li permezz ta' ftehim verbali li kien inghatalha, Alessio Zammit kien hallas lill-Rita Dimech manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar mill-sena 2008 sa Lulju 2011 u sussegwentement ma baqax jaghti manteniment.[8] Illi jirrizulta anke mix-xhieda tal-istess Rita Catania li hija telqet mid-dar konjugali fejn hija kienet tirrisjedi ma' Richard Dimech fis-16 ta' Novembru 2013.

Referibbilment ghal dak sottolineat mill-avukat difensur tal-kjamata fil-kawza, Rita Catania, dwar il-konsapevolezza tar-rikorrent li Alessandro ma kienx il-wild naturali tieghu, u d-dritt ta' azzjoni li kellu sabiex ma jigix rikonoxxut bhala l-wild naturali tieghu, jigi ritenut, li ghalkemm kien jezisti dan id-dritt da parti tar-rikorrent, kien jezisti wkoll id-dritt tal-intimat li jipprocedi biex jigi rikonoxxut bhala l-wild

[8] Jirrizulta mill-affidavit ta' Rita Catania li dawn is-somom gew miftehma wara Jum ilMissier fis-sena 2008, u ghalhekk wara Gunju 2008 sa' Lulju 2011 - kwazi 3 snin.

tieghu. Jigi nnutat, li huwa minnu, li minn ezami akkurat tal-provi tal-kaz, jidher car li r-rikorrent, ghalkemm kien konsapevoli li l-wild mhux tieghu ried li jrabbih fil-familja tieghu sakemm hu u martu jibqghu jghixu flimkien bhala mizzewgin. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-agir da parti tar-rikorrent jitqies bhala agir *in bona fede*.

Inoltre din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi dwar l-elementi ta' *actio de in rem verso* abbazi ta' dawn ir-ragunijiet u motivi personali li jistghu jirrizultaw. Izda, din l-azzjoni trid tigi deciza abbazi tal-elementi rikjesti mil-Ligi.

Fl-ewwel lok, mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent hallas u kkontribwixxa ghat-trobbija u l-manteniment tal-minuri Alessandro sa mit-twelid tieghu, billi gie provvdut dak kollu necessarju u trabba fl-istess familja sakemm iz-zwieg bejn Richard Dimech u martu baqa' vigenti. Bhala punt ta' principju, jigi ribadit, li l-fatt li l-minuri ma kienx il-wild naturali tar-rikorrent u l-konsapevolezza da parti tieghu f'dan ir-rigward, ma jimpingix fuq is-success ta' din l-azzjoni, ghaliex din l-azzjoni hija mmirata sabiex jigbru lura dak li r-rikorrent seta' nefaq indebitament.[9] Dan ghaliex il-beneficcju sussidjarju tal-azzjoni tal-arrikkiment indebitu jigbor fih kull vantagg li persuna tikseb mill-fatt ta' haddiehor, ukoll jekk minghajr titolu guridiku, jew b'titolu difettuz, jew sahansitra b'titolu li ma jiswiex.[10] Inoltre billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[11], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[12]

Jigi osservat, li l-intimat bhala l-missier naturali tal-minuri, kien a konoxxenza li ibnu kien qed jitrabba fil-familja tar-rikorrenti u li r-rikorrent kien qed jipprovdi ghall-htigijiet materjali tieghu konsistenti f'diversi spejjez. Inoltre`, ma jirrizultax minn imkien mill-provi, li l-intimat ta struzzjonijiet biex ir-rikorrent ma jibqax johrog infieq u spejjez ghall-minuri Alessandro. Mhuwiex lanqas ikkontestat li hafna mill-ispejjez li ntefqu ghall-minuri, saru b'titolu lukrattiv. Jirrizulta biss, li tramite l-intervent tal-avukati tal-partijiet, l-intimat kien hallas il-manteniment ghal ibnu fil-perjodu bejn Lulju 2008 u Lulju 2011.

Illi dwar l-element ta' arrikkiment tal-parti l-ohra, u n-ness ta' kawzalita` bejn l-infieq tar-rikorrent u l-vantagg da parti tal-intimata, din il-Qorti evalwat bir-reqqa l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Jigi ritenut, li fil-perjodi meta l-missier naturali ma hallasx il-manteniment, l-elementi li fuqhom hija msejsa din l-azzjoni kienu jissusistu. Madankollu, fil-perjodu bejn il-2008 sa Lulju 2011, meta l-missier naturali kien qed ihallas manteniment ta' mitejn ewro fix-xahar nonostante li l-minuri kien qed jitrabba fil-familja mar-rikorrent u wliedu l-ohra, l-elementi rikjesti ghal din l-azzjoni ma jissusistux. Ghalhekk, trid issir distinzjoni

[9] P.A. NC 21.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet Josephine Gusman vs Anthony Agius et
[10] App.Inf. 23.6.2004 fil-kawza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et
[11] Artikolu 1012 tal-Kap 16.
[12] Art.1019 tal-Kap 16.

referibbilment ghall-perjodu ta' zmien meta Alessio Zammit, il-missier naturali hallas u meta ma hallasx il-manteniment dovut ghal ibnu. Irid jigi kkunsidrat ukoll, spejjez li saru ghat-trobbija tal-minuri, fosthom spejjez ta' ghamara ghall-kamra tal-minuri, li kif reklamat fil-prospett esebit mir-rikorrent a fol 53 tal-process, huma spejjez li nefaq hu, li certament huma direttament konnessi mat-trobbija tal-minuri.

B'referenza ghall-kaz citat mill-avukat difensur tal-kjamata in kawza, Victor Fenech vs Mary Jacqueline Fenech et, deciza fit-30 ta' Marzu 2010, jigi ritenut, li dan il-kaz huwa simili u mhuwiex identiku ghall-kaz odjern. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak sostnut fit-trattazzjoni mill-avukat difensur tal-intimat, peress li kien hemm diversi differenzi fil-fatti u fic-cirkostanzi tal-kaz. F'dak il-kaz jirrizulta fil-fatt li kien hemm specifikament indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni biex ma jkunx hemm pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin, kien hemm ukoll dikjarazzjoni da parti tar-rikorrent f'dak il-kaz li jekk jghaddi z-zmien ma jistghux jipprocedu kontrih, u l-aktar fattur importanti, meta f'dak il-kaz gie ikkunsidrat li r-rikorrent qatt ma mantna lill-minuri. Dawn certament mhumiex il-fatti li jirrizultaw fil-kaz in ezami. Ghalhekk, id-decizjoni odjerna ma tistax tkun konformi ma' dak deciz f'dak il-kaz u r-relevanza ta' dak il-kaz ghall-kaz odjern hija minima hafna.

Hawnhekk huwa relevanti l-artikolu 7 tal-Kodici Civili li jiddisponi:

> "*Il-ġenituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B*".

Minn dan l-artikolu tal-Ligi johrog li l-missier u l-omm naturali huma obbligati li jmantnu lil uliedhom *ex lege*. Il-missier naturali huwa fid-dover li jmantni lil ibnu sakemm jilhaq l-eta' ta' maggorenni. Illi ghalkemm gie ppruvat li sa ftit zmien wara t-twelid tat-tarbija Alessandro, kien gie stabbilit li Alessandro kien il-wild naturali tat-tarbija permezz tat-test tad-DNA, l-intimat Alessio Zammit kien ikkontribwixxa ghall-manteniment ghal certu perjodu, kif ikkonfermat minn Rita Catania, mill-2008 sa Lulju 2011. Ghaldaqstant, wara li jitnaqqas dan l-ammont imhallas minn Alessio Zammit f'dan il-perjodu ta' zmien, iridu jigu meqjusa wkoll l-ispejjez li saru ghall-manteniment tat-tifel fiz-zmien rimanenti minn Richard Dimech. Dan billi jinkombi fuq Alessio Zammit l-obbligu li jmantni lil ibnu mit-twelid.

Dan premess din il-Qorti tqies li jezistu l-elementi rikjesti ghal din l-azzjoni, billi fil-perjodu li l-intimat ma hallasx manteniment, l-ispejjez li saru mir-rikorrent ghat-trobbija tal-minuri jikkostitwixxu arrikiment a beneficcju tal-intimat. Ladarba jissusistu l-elementi ghall-azzjoni *de in rem verso*, ir-rikorrent hu intitolat ghall-kumpens tal-ispejjez li nefaq.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru l-elementi formanti l-bazi ta' din l-azzjoni ghal arrikiment indebitu, cioe` l-arrikiment, in-nexus ta' kawza u l-effett u l-karattru ingust tal-arrikkiment.

In vista tas-suespost, u ghar-ragunijiet spjegati, tichad ir-raba', l-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-intimat.

Referibbilment ghas-seba' eccezzjoni, tal-intimat, din il-Qorti ser tiehu konjizzjoni tal-manteniment imhallas da parti tal-intimat, konsistenti f'mitejn ewro fix-xahar ghall-perjodu ta' zmien, kif indikat fl-assjem tal-provi. Rigward dak eccepit fl-istess seba' eccezzjoni, li hu gie mcahhad minn ibnu minuri, jigi nnutat li dan ma gie ppruvat bl-ebda mod anke jekk, *dato ma non concesso* li dan huwa rilevanti ghall-obbligu legali ta' missier li jmantni lil uliedu. Di piu`, kien biss sussegwentement ghall-fatt li Rita Catania telqet mid-dar konjugali fejn hi kienet tghix mar-rikorrent, u wara s-separazzjoni taghhom, li l-intimat Zammit ipproceda sabiex jirrikonoxxi l-minuri bhala ibnu, liema dritt li jipprezenta tali kaz kien jappartjeni lilu, sa mill-bidu nett tal-konsapevolezza tieghu li hu kien il-missier naturali. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' limitatament is-seba' eccezzjoni, b'referenza ghall-manteniment ta' mitejn ewro imhallsa da parti tal-intimat, izda tichad il-kumplament ta' dak eccepit f'din l-eccezzjoni.

B'referenza ghat-tielet eccezzjoni tal-kjamata in kawza, kif diga ritenut, din il-Qorti mhux ser titratta l-motivi ghaliex ir-rikorrent iddecieda li jmanti lill-minuri ghalkemm kien konsapevoli li mhuwiex il-missier naturali, ghaliex hu imperattiv li jigu trattati l-elementi li jsawru din l-azzjoni. Inoltre`, jigi osservat, li l-kjamata in kawza kienet ghadha mhijiex separata minn mar-rikorrent, kompliet tghix mieghu fid-dar konjugali, fejn kienu qed irabbu lill-ulied naturali taghhom, kif ukoll lill-minuri Alessandro.

<u>Likwidazzjoni tal-Kumpens ghall-Arrikkiment Indebitu</u>

Illi gie ribadit fil-kaz Doris Ellul et v Francis Camilleri et (PA PS 3/10/2003) "*Huwa kontrovers fid-duttrina jekk l-indennizz jigix determinat in rapport ghall-arrikkiment inizzjali jew ghal dak persistenti fil-mument tad-domanda gudizzarja jew tal-gudizzju dwarha. It-trattist Trabucchi ("Arrichimenti") jopta ghal din it-tieni ipotezi. Il-Laurent ("Principii di Diritto Civile", Vol. XX paragrafu 340) isostni li l-indennita` trid tigi kalkolata "sino alla concorrenza di quanto e` stato vantaggiato". Fuq il-bazi ta' dan l-insenjament hi s-sentenza fl-ismijiet "Dr. Emm.Said –vs-Nobbli Marquis D. Testaferrata Bonici Ghaxaq", Prim Awla, Qorti Civili, per Imhallef W. Harding,16 ta' Gunju 1936*."

Ikkunsidrat li l-kumpens f'kaz ta' azzjoni *de in rem verso* ma jiddependix biss fuq is-somma sborsata, izda fuq korrelazzjoni bejn it-telf u l-gwadann. Kif jinghad mill-awturi Baudry Lacantinerie et Barde ("*Trattato Teorico Pratico di Diritto Civili" voce "Delle Obbligazzione" Vol. IV pagna 551): "L'azione de in rem verso, essendo una specie d'azione in restituzione, non puo` far ottenere all'attore piu` dell'ammontare della perdita sofferta. Ma, d'altra parte, e` data soltanto nella misura dell'arricchimento di colui contro il quale compete, perche` l'equita` e` soddisfatta dal momento che egli*

*restituisce tutto cio` di cui si e` arricchito. Cosi` il massimo che puo` essere accordato dei guridici all'attore e` rappresentato dall'impoverimento, se e` inferiore all'arricchimento, e, nel caso inverso, da questo."*

Illi fil-kaz fl-ismijiet Richard Azzopardi vs Isabel Cassar et – PA (JRM) 1/3/2004),[13] gie ribadit li: "*Illi jidher li l-Qrati taghna laqghu l-applikazzjoni tal-kriterju li l-kumpens ghandu jkun il-konkorrenza tal-vantagg miksub mix-xoghlijiet maghmulin u mhux biss ghall-ispiża minfuqa biex twettqu dawk ix-xoghlijiet*[14]*. Dan l-ahhar il-Qrati taghna jidher li wessghu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex ikun maghmul jiddependi wkoll minn fatti sopravvenuti li kapaci jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment. Rilevanti bhala elementi ta' konsiderazzjoni ghall-valutazzjoni aktar konsona u gusta jitqiesu l-bwona jew mala fede tal-persuna vantaggjata u arrikkita*".

Din il-Qorti, fuq is-sahha ta' diversi kittieba li qrat dwar is-suggett, tasal biex tilqa' din ix-xejra ta' hsieb.

Rigward il-kwantifikazzjoni tal-manteniment imhallas, gie sottomess mill-intimat li ma tressqux provi sufficjenti tan-nefqa u l-ispiza li saret. Difatti, r-rikorrent esebixxa Dok X anness mal-affidavit tieghu a fol 53, fejn hemm lista ta' spejjez u oggetti li jammonta ghall-ammont totali ta' €36,950.

Jinghad fl-ewwel lok, li kwalsiasi ammont li qed jirreklama u li jkun dovut lir-rikorrent huwa ammont li kien intefaq mill-komunjoni tal-akkwisti gja vigenti bejnu u martu sad-data ta' xoljiment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, u dan in visto tal-presunzjoni legali *juris tantum* stabbilit bl-artikolu 1321 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jrid jigi stabbilit l-ammont li ghandu jigi rifuz, wara ezami u kalkoli ta' din il-Qorti ladarba dak pretiz mir-rikorrent mhuwiex sostanzjat b'ricevuti u lanqas ma' jinkludi l-manteniment li thallas da parti tal-intimat mill-2008 sa Lulju 2011. Kif diga ritenut, *nonostante,* n-nuqqas ta' ricevuti esebiti da parti tar-rikorrent, mhuwiex ikkontestat li l-infieq u l-ispejjez saru minnu, kif ikkonfermat minn Rita Catania. Ghalhekk, din il-Qorti tisa' taghti kumpens ghall-ispejjez reklamati *arbitrio buoni viri*.

Manteniment imhallas minn Alessio Zammit fiz-zmien meta z-zwieg tar-rikorrent ma' Rita Catania kien ghadu vigenti (Lulju 2008 sa Lulju 2011) - 36 xhur = €7200.

---

[13] Din il-kawza giet modifikata fis-Sede tal-Appell billi l-Qorti tal-Appell irritiniet li l-azzjoni ma kenitx wahda ta' arrikkiment indebitu. Madanakollu l-osservazzjonijiet studjati dwar il-principji legali applikabbli huma validi.

[14] P.A. 16.6.1936 fil-kawża fl-ismijiet Said et vs Testaferrata Bonici Ghaxaq et (Kollez. Vol: XXIX.ii.1105, a fol. 1108); P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Doris Ellul et vs Francis Camilleri.

Illi l-attur ipprezenta prospett a fol 53 li jissottometti li jirrifletti l-ispejjez b'mod approssimattiv li nefaq ghall-minuri. Hu jippretendi nofs l-ammont peress li l-ispejjez saru mill-komunjoni tal-akkwisti gja vigenti bejnu u bejn martu.

Illi peress li hu ammess li r-rikorrent kien ha hsieb imantni lill-minuri waqt iz-zwieg, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiskarta l-prospett tieghu. Wara li fliet il-kapijiet tal-ispejjez indikati, issib li l-ammonti reklamati huma gusti u mhux esagerati u jikkomprendu spejjez edukattivi u medici, spejjez tal-hajja ikkalkolati bir-rata ta' €200 fix-xahar u spejjez ohra bzonnjuzi ghat-trobbija u ghall-indukkrar tat-tifel. Del resto l-ammont mensili ta' €200 jirrifletti l-ammont stabbilit bi qbil bejn l-intimat u l-kjamata fil-kawza u ghalhekk ghandu jitqies bhala wiehed realistiku ghall-kaz partikolari in ezami.

Ghaldaqstant mill-ammont ta' €36,950 wara li jitnaqqas €7,200, jifdal €29,750. Izda dan ghandu jigi dimezzat minhabba li l-infieq sehh mill-komunjoni tal-akkwisti, (kif anke l-hlasijiet li saru mill-intimat lill-omm jitqiesu hlasijiet lill-komunjoni tal-akkwisti), u li mill-istess komunjoni l-attur ghandu sehem ta' nofs indiviz. Kwindi l-ammont rapprezentanti it-telf tieghu huwa ta' €14,875.

Ghaldaqstant ser tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tar-rikorrent, izda ghal dak li jirrigwarda t-talba ghar-rifuzjoni ta' manteniment imhallas, limitatament ghall-perjodu meta l-intimat ma kienx hallas il-manteniment ta' mitejn ewro fix-xahar kif kien gie miftiehem. Konsegwentement ser tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tal-kjamata fil-kawza salv ghal dak li ser jinghad dwar id-danni pretizi mir-rikorrent.

<u>Danni:</u>

Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Madankollu, kif gie osservat mill-Qrati Taghna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u inflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz.

Is-somma tad-danni hija rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi. (Savona vs Asphar – Appell - 23.06.1952)

Kif inghad mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kaz Borg pro et noe vs Muscat:

> *"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun sofrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*."

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "*min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*." (Kollez. Vol. XXX pIII p142).

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, jirrizulta li r-rikorrent interpella lill-intimat b'ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu 2016 esebita a fol 18 tal-process. In segwitu pproceda bil-kaz odjern fis-16 ta' Gunju 2016. Illi r-rikorrent kif xehed hu stess ma kienx ser jipprocedi bil-kaz odjern, kemm-il darba l-intimat ma kienx ser jistitwixxi kaz kif fil-fatt ghamel, sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier. Ghal dan il-mottiv, ir-rikorrent interpella lill-intimat ghall-ewwel darba f'Marzu 2016 u pproceda bil-kaz in ezami f'Gunju 2016. Kwindi, din il-Qorti taqbel li ma jezistix ness bejn id-danni mitluba u l-inadempjenza tal-intimat. Lanqas kien hemm perkors ta' zmien, ghax ghaddew biss ftit xhur mill-interpellazzjoni tal-ittra ufficjali sad-data tal-prezentatat ta' dan il-kaz.

Jehtieg li jigi osservat, li fir-rigward tat-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni, ir-rikorrent naqas milli jipproduci xhieda u /jew dokumenti in sostnenn tad-danni mitluba, u llimita ruhu biss ghall-prospett ta' spejjez ghall-manteniment u ghat-trobbija tal-minuri Alessandro. Illi lanqas, gie esebit prospett tad-danni allegatament subiti. Ghalhekk, fil-karenza ta' prova sodisfacenti, din il-Qorti tirritjeni li m'hemmx lok ghad-danni fil-kaz in ezami, stante li m'huma bl-ebda mod ippruvati.

Ghalhekk, tilqa' d-disa' eccezzjoni tal-intimat, u t-tielet talba tar-rikorrent qed tigi michuda.

Referibbilment ghall-hames eccezzjoni tal-kjamata in kawza, rigward il-konsapevolezza u l-konvenjenza kemm tar-rikorrent u kemm tal-intimat, li ghandha tigi riflessa fil-kap tal-ispejjez, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak eccepit f'din l-eccezzjoni stante, li kemm il-partijiet u kemm il-kjamata in kawza kienu t-tlieta adulti, ben konsapevoli tal-agir taghhom. Ghalhekk, tichad din l-eccezzjoni dwar il-kap tal-ispejjez."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Alessio Zammit, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi datata 30 ta' Ottubru, 2018 u dan billi tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tal-attur u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-attur u fin-nuqqas tirriduċi l-ammont hekk likwidat imħallas mill-attur appellat għall-bżonnijiet tal-minuri. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

7. Rat ir-risposta tal-attur appellat Richard Dimech, li permezz tagħha wieġeb illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravji kollha tal-appellant, biex b'hekk tikkonferma ghal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

8. Rat li waqt is-seduta tat-8 ta' Frar, 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu mal-atti u li l-appell jista' jibqa' għas-sentenza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża nkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

10. Illi din il-kawża titratta l-*actio de in rem verso* fejn l-attur qiegħed jitlob li jitħallas lura l-ammonti li jingħad li huwa ħallas bħala manteniment, kif ukoll spejjeż edukattivi u mediċi tat-tifel Alessandro, peress li mhuwiex il-wild naturali tiegħu, iżda minn proċeduri separati rriżulta li huwa iben il-konvenut Alessio Zammit, skont kif dikjarat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Alessio Zammit v. Richard Dimech et** (Rikors Numru 273.2014RGM). Dan qiegħed jintalab riferibbilment bejn il-perjodu minn meta twieled it-tifel sal-21 ta' Ottubru, 2015, il-jum meta l-*patria potesta'* fuq il-minuri ġiet fi tmiemha.

L-attur talab ukoll li jiġu likwidati d-danni mġarrba minnu konsegwenza tal-aġir tal-konvenut u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont hekk likwidat, bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali.

11. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kif spjegat fis-sentenza appellata, laqgħet it-talbiet attriċi limitatament għall-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attriċi, in kwantu filwaqt li ddikjarat li l-attur ma kienx tenut imantni u jħallas l-ispejjeż edukattivi u mediċi tal-minuri Alessandro Zammit Catania, stante li dan ma kienx il-wild naturali tiegħu, laqgħet it-tieni talba billi llikwidat l-ammont imħallas mill-attur għall-bżonnijiet tal-minuri bejn meta twieled sa meta ġiet fi tmiemha l-*patria potesta'* fl-ammont ta' €14,875. Inoltre, ċaħdet it-tielet talba attriċi għar-raġunijiet hemm imfissra u kkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont likwidat flimkien mal-imgħaxijiet dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali. Bl-ispejjeż jinqasmu bejn il-konvenut u l-kjamata in kawża bin-nofs bejniethom.

12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ressaq l-appell in eżami li jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali. Qabel kull ħaġa oħra, tajjeb jingħad li sa fejn ma sar ebda appell mis-sentenza sa fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur għall-ħlas tad-danni, kif ukoll ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, dawk il-partijiet tas-sentenza, illum saru ġudikat.

13. Fl-ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut appellant isostni li l-ewwel Qorti żbaljat fid-deċiżjoni tagħha fejn laqgħet it-talbiet attriċi meta aċċettat l-azzjoni *de in rem verso,* meta jikkontendi li fil-każ in eżami ma jikkonkorrux l-elementi kollha sabiex tirnexxi tali azzjoni. Filwaqt li jelenka l-elementi li jsejsu l-azzjoni in kwistjoni u jislet siltiet mill-provi sabiex jisħaq li l-attur kien konsapevoli tal-fatt li Alessandro ma kienx il-wild naturali tiegħu wara ftit xhur mit-twelid tiegħu. Għalhekk l-ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li ma tinkwadrax l-elementi tal-*actio de in rem verso* mal-fatti tal-każ, stante li l-attur qiegħed jippretendi rifużjoni għall-perjodu ta' żmien meta huwa kien konsapevoli li Alessandro ma kienx il-wild naturali tiegħu, iżda xorta għażel li jħallas tali manteniment. Ladarba kienet għażla tal-istess attur li jgħożż lil Alessandro daqs li kieku kien l-iben bijoloġiku tiegħu, imantni lill-imsemmi minuri u jżomm mistur il-fatt dwar il-paternita` tal-minuri, sabiex iżomm il-familja magħquda, kienet żbaljata l-ewwel Qorti li ma ħaditx tali raġunijiet li hija ddeskriviet bħala personali fl-ottika tal-*actio de in rem verso.* Ir-raġuni li l-attur għamel dan, skont il-konvenut appellant, kienet sabiex jibqa' fiż-żwieġ ma' Rita Catania u l-fatt ta' paternita` tibqa' waħda mistura, tant li hekk kif Rita Catania telqet mid-dar, l-attur ma baqax imantni lill-minuri. L-appellant itenni li l-azzjoni attriċi ma setgħetx tirnexxi peress li l-elementi meħtieġa għall-azzjoni *de in rem verso* ma jissussistux, ladarba l-attur kien konxju ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri u kien jaf x'qed jagħmel. Dan kif ingħad, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu, 2010, li kienet

titratta każ simili ta' **Victor Fenech v. Mary Jacqueline Fenech.** Konsegwentement it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant. Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Jan Sammut v. Vincent Farrugia et,** fejn jingħataw il-prinċipji li jirregolaw l-azzjoni *de in rem verso:*

> "*25. Illi huwa aċċettat u stabbilit li tali azzjoni hija mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu*[15] *jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu.*[16] *Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu*[17] *jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir*[18]*;*
>
> *26. Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa*[19]*. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura)*[20]*. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ*[21]*. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu` u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni*[22]*, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata*[23]*;*

---

[15] *P.A. 14.12.1966 fil-kawża fl-ismijiet Grima v. Fava et (Kollez. Vol: L.ii.487)*
[16] *App. Inf. 26.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet Christopher Desira v. Gasan Enterprises Ltd*
[17] *P.A. 4.3.1955 fil-kawża fl-ismijiet Seychell v. Farruġia (Kollez. Vol: XXXIX.ii.593)*
[18] *P.A. 10.12.1955 fil-kawża fl-ismijiet Żammit v. Farruġia et (Kollez. Vol: XXXIX.ii.787)*
[19] *Dig. "De Jure Dotium", fr.6 "Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum"*
[20] *Kumm. 15.9.1989 fil-kawża fl-ismijiet Mattocks et v. McKeon (Kollez. Vol: LXXIII.iv.1018)*
[21] *Pescatore – Ruperto* <u>*Codice Civile Annotato*</u> *(7a Ediz. 1978) §2041, paġ. 2008*
[22] *Art. 1012 tal-Kap 16*
[23] *Art. 1019 tal-Kap 16*

*27. Illi ingħad ukoll[24] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità[25] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid[26]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[27];*

15. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif riżultanti mill-atti tal-kawża, wieħed għandu jsib li dawn l-elementi jgħoddu kollha għal dan il-każ sal-grad meħtieġ, sabiex jista' jingħad li l-bażi tal-azzjoni attriċi hija waħda fondata sew. Dana peress li jirriżulta assodat li l-konvenut, bħala missier naturali tal-wild, iffranka milli jħallas għall-manteniment, kif ukoll l-ispejjeż edukattivi u mediċi, li kienu jispettaw lilu, bħala l-missier naturali, li jħallas skont il-liġi. Ċertament l-attur ma setax isejjes l-azzjoni tiegħu fuq bażi ta' relazzjoni kontrattwali jew fuq xi bażi oħra, u in kwantu l-azzjoni in eżami hija waħda ta' natura ekwitattiva, ma jkunx xieraq li l-konvenut sa fejn iffranka l-imsemmija spejjeż, jistagħna minn fuq dahar l-istess attur. Kwindi l-azzjoni mressqa mill-attur għandha l-għan li trodd lura l-ekwilibriju, billi treġġa' lura l-vantaġġ li kiseb il-konvenut minħabba l-ispejjeż li ffranka grazzi għall-ispejjeż magħmula mill-attur. Wara kollox,

---

[24] *Ara, per eżempju, Torrente <u>Manuale di Diritto Privato</u> (9a Edit., 1975) § 387, paġ. 634*
[25] *App. Kumm. 5.4.1957 fil-kawża fl-ismijiet Calleja v. Żammit Tabona (Kollez. Vol: XLI.i.631)*
[26] *Amos & Walton's <u>Introduction to French Law</u> (3rd Edit.), paġ. 197*
[27] *P.A. 30.11.1955 fil-kawża fl-ismijiet Parnis v. Vella noe (Kollez Vol: XXXIX.ii.764)*

kif ingħad drabi oħra, din l-azzjoni ġiet estiża għal dawk il-każijiet fejn parti tkun ser tieħu vantaġġ minn fuq persuna oħra mingħajr ma jkun hemm titolu ġuridiku (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ġunju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Stella Darmanin v. Carmel Debono nomine**, fejn saret referenza wkoll għall-kawza **Saliba v. Caruana**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2006, fejn ġie spjegat li element tal-azzjoni hu "*in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-'ftaqir' tal-parti l-oħra*".) Jekk parti jkollha raġuni ġuridika biex iżżomm l-arrikkiment, allura dan ir-rimedju ma jistax jingħata.

16. Għalkemm huwa minnu li l-attur appellat kien jaf fi stadju bikri li l-minuri Alessandro ma kienx il-wild naturali tiegħu, ma jfissirx li l-attur kien qiegħed iħallas il-manteniment u l-ispejjeż edukattivi u mediċi tal-istess minuri taħt forma ta' xi donazzjoni kif jikkontendi l-konvenut appellant. L-għoti ta' flus m'għandux jitqies li jkun ngħata b'liberalita` u min jallega jrid jipprova. Jinsab assodat li "*min jallega d-donazzjoni għandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija improprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja li seħħet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari ...*" (**Kollez Vol XXXII pII p472**). L-aġir tal-attur appellat li ġie deskritt mill-ewwel Qorti bħala wieħed *in buona fede*, fejn l-attur appellat, bil-għan li jħares il-familja tiegħu, kien fl-ewwel snin iħallas għall-manteniment u l-ispejjeż meħtieġa tal-minuri, ċertament

m'għandux jitqies bħala aġir ċensurabbli jew ekwiparat ma' donazzjoni u m'għandux iservi ta' deterrent għall-azzjoni odjerna. Il-ħlasijiet imwettqa mill-attur appellat ma jistax jingħad li saru taħt titolu ta' liberalità, iżda dettati miċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-attur appellat, konsegwenza tal-aġir tal-konvenut u tal-kjamata in kawża, fejn minkejja kollox ittanta jsalva l-familja tiegħu. Wara kollox, jiġi osservat ukoll li hekk kif l-attur ma ressaqx azzjoni ta' *denegata paternita`* bl-għan nobbli li jsalva l-familja tiegħu, tant ieħor il-konvenut appellant konvenjentement dam madwar seba' snin sħaħ ma jaġixxi għar-rikonoxximent tal-istess minuri, minkejja li huwa wkoll kien jaf li kien il-misser naturali, ftit xhur wara t-twelid tal-istess tarbija. Dan meta kif osservat mill-ewwel Qorti, il-liġi stess tipprovdi li l-missier u l-omm naturali huma obbligati li jmantnu lil uliedhom.

17. Il-każ ta' **Fenech v. Fenech** ċitat mill-konvenut appellant, għalkemm simili sa fejn f'dak il-każ ukoll l-attur kien konsapevoli li l-wild ma kienx tiegħu, jikkuntrasta ferm ma' dak in eżami peress li ma rriżultax li l-attur f'dak il-każ effettivament kien qiegħed imantni lit-tifel, anzi rriżulta li kien il-missier naturali li kien qiegħed imantni lill-wild tiegħu. Isegwi li l-paragun bejn dik il-kawża u l-każ in eżami ma jreġix, in kwantu f'dan il-każ mhuwiex ikkontestat li l-attur effettivament kien qiegħed iħallas għall-manteniment tal-minuri u għall-ispejjeż edukattivi u mediċi tiegħu għal ċertu perjodu ta' żmien. Il-konvenut appellant ma rnexxilux jagħti raġuni ġuridika biex iżomm l-arrikkiment li bbenefika minnu. Kwindi din il-Qorti,

bħal ta' qabilha, hija sodisfatta li jikkonkorru l-elementi formanti l-bażi ta' din l-azzjoni għall-arrikkiment indebitu, ċioe` l-arrikkiment, in-ness ta' kawza u l-effett u l-karattru nġust tal-arrikkiment. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant, minn kull aspett ma jreġix u ma jimmeritax li jintlaqa'.

18. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenut appellant fejn jilmenta dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens għall-arrikkiment, meta l-ewwel Qorti waslet għas-somma ta' €14,875, in kwantu bbażat ruħha fuq preżunzjonijiet u naqset milli tara l-fatti li kellhom iwasslu għall-komputazzjoni ferm inqas minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti. Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti straħet fuq il-prospett imħejji mill-attur, meta ma ġew prodotti l-ebda rċevuti sabiex jissostanzjaw it-talba tal-attur. Dan meta ċ-ċifra mitluba mill-attur ta' €36,950 ma kenitx waħda realistika, iżda waħda eċċessiva u għalhekk ma tidħolx fil-parametri tal-azzjoni *de in rem verso* li hija waħda ekwitattiva. Fil-fatt jingħad li l-ewwel Qorti akkordat fost l-ispejjeż, is-somma ta' €1,250, marbuta ma' spejjeż tal-professur matul it-tqala, li tmur lil hinn minn dak mitlub mill-attur, li talab likwidazzjoni sa mid-data tat-twelid tal-minuri u mhux minn qabel. Kwindi l-ewwel Qorti naqset milli teżamina b'reqqa l-prospett ippreżentat mill-attur appellat. Inoltre l-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-perjodu ta' ħlas ta' manteniment effettivament imħallas mill-attur, jiġifieri li l-attur

effettivament waqaf iħallas il-manteniment hekk kif il-mara tiegħu, il-kjamata in kawża Rita Catania telqet mid-dar matrimonjali. Ġaladarba jirriżulta li l-attur waqaf iħallas il-manteniment minn dik id-data, ma kellux jiġi kkundannat iħallas għall-perjodu ulterjuri sakemm il-*patria potesta'* tal-attur ġiet fi tmiemha. Għalhekk il-konvenut appellant jagħti l-kalkoli tiegħu dwar kif l-ewwel Qorti kellha tikkalkula l-kumpens fuq medda ta' 35 xahar u mhux 95 xahar, sabiex isostni li l-ammont dovut lill-attur, fl-aħjar ipoteżi m'għandux jeċċedi s-somma ta' €6,907.89.

19. Jibda billi jingħad li fir-rigward tal-prospett ippreżentat mill-attur appellat dwar l-ispejjeż magħmula minnu fir-rigward tal-manteniment tal-minuri, il-prospett esebit minnu ma kienx ribattut minn provi, iżda sempliċement kuntrastat permezz ta' argumenti da parti tal-konvenut. Dawn l-argumenti jirriżulta li ġew debitament mistħarrġa mill-ewwel Qorti li kkunsidrat mhux biss il-fatt li ma ġewx ippreżentati rċevuti, iżda wkoll l-fatt li l-konvenut ħallas il-manteniment tat-tifel bejn Lulju tas-sena 2008 u Lulju tas-sena 2011, qabel m'għaddiet sabiex tillikwida l-ispejjeż mitluba *arbitrio boni viri.* Kwindi mill-ammont ta' €36,950 mitlub mill-attur, wara li tnaqqset is-somma ta' €7,200 rappreżentanti l-manteniment imħallas mill-konvenut appellant bejn Lulju 2008 u Lulju 2011, li wassal għas-somma ta' €29,750, din ġiet maqsuma bin-nofs peress li l-infieq sar mill-komunjoni tal-akkwisti, sabiex ikkalkulat s-somma ta' €14,875 bħala rappreżentanti t-telf tal-attur.

20. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut appellant sa fejn jilmenta dwar in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' rċevuti da parti tal-attur. Apparti li mhuwiex normali li ġenitur joqgħod iżomm l-irċevuti in konnessjoni mal-ispejjeż tat-trobbija tat-tfal, dan il-fatt fih innifsu ma kellux ikun ta' ostakolu li l-ewwel Qorti tillikwida l-ammont dovut *arbitrio boni viri.* Min-naħa l-oħra, din il-Qorti taqbel mal-konvenut appellant sa fejn jingħad minnu fit-tieni aggravju li kellu jsir tnaqqis ulterjuri. Dan jingħad b'referenza għall-ispejjeż tal-professur ta' matul it-tqala fl-ammont ta' €1,250. Dan peress li l-ġudikant huwa marbut li jiddeċiedi fil-parametri tat-talbiet tal-istess attur, meta ngħad minnu fit-tieni talba li kien qiegħed jintalab rimbors għall-bżonnijiet ta' iben il-konvenut sa mit-twelid tiegħu sal-21 ta' Ottubru, 2015, meta spiċċat il-*patria potesta'.* Isegwi li l-ispejjeż in konnessjoni mat-tqala kienu jaqgħu lil hinn mill-parametri tat-talbiet tal-attur u ma kellhomx jintlaqgħu.

21. Hekk ukoll, ġaladarba jirriżulta assodat kemm mix-xhieda ta' Rita Catania, omm il-minuri, li hekk kif telqet mid-dar matrimonjali, fis-16 ta' Novembru, 2013, l-attur waqaf jagħtiha flus għall-manteniment tal-minuri in kwistjoni (ara affidavit a fol. 113) kif ukoll, kif ikkonfermat minnha waqt il-kontro-eżami tagħha (a fol. 126(f) tal-proċess) meta xehdet li hija bdiet tieħu ħsieb lil Alessandro hija stess. Isegwi li għandu raġun il-konvenut appellant li m'għandux iħallas lill-attur appellat bħala manteniment tat-tifel

għal dak il-perjodu meta kienet l-omm waħedha li kienet qegħda tipprovdi għat-tifel. Isegwi li jeħtieġ isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fil-likwidazzjoni tal-ewwel Qorti. Apparti li mill-ammont pretiż ta' €36,950, irid isir it-tnaqqis ta' €7,200 rappreżentanti l-perjodu fejn il-konvenut kien qiegħed iħallas il-manteniment tat-tifel, jeħtieġ li jsir tnaqqis ulterjuri ta' €1,250, marbuta ma' spejjeż tal-professur matul it-tqala, li tmur lil hinn minn dak mitlub mill-attur; kif ukoll tnaqqis ulterjuri ta' sentejn (bejn is-16 ta' Novembru, 2013 u l-21 ta' Ottubru, 2015) li fihom kienet il-kjamata in kawża (u mhux l-attur) li ħadet ħsieb il-manteniment u t-trobbija tal-wild in kwistjoni. B'hekk l-ammonti ndikati fil-prospett tal-attur tnaqqsu *pro rata* fejn applikabbli, sabiex jittieħed qies ta' dan il-fattur ukoll. Dan iwassal għas-somma ta' €20,100 li trid tinqasam bin-nofs, peress li l-infieq li sar mill-attur kien mill-komunjoni tal-akkwisti, sabiex b'hekk din il-Qorti qegħda tirriduċi *arbitrio boni viri* l-ammont dovut mill-konvenut appellant għall-ammont ta' €10,050. Għalhekk dan l-aggravju tal-konvenut ser jintlaqa' limitatament kif appena spjegat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut appellant Alessio Zammit, billi tilqgħu limitatament u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi sa fejn ċaħdet

it-tielet talba attriċi u laqgħet l-ewwel talba attriċi, tvarjaha fis-sens illi l-ammont li għandu jħallas il-konvenut appellant hija s-somma ta' għaxart elef u ħamsin ewro (€10,050) favur l-attur appellat, b'dan illi l-imgħax jiddekorri kif deċiż mill-ewwel Qorti.

Filwaqt li l-ispejjeż in prim'istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti; l-ispejjeż tal-appell jitħallsu in kwantu għal tliet kwarti (${}^{3}/_{4}$) mill-konvenut appellant u kwart (${}^{1}/_{4}$) mill-attur appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr